



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2012
COM(2012) 633 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

IT-23 RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-FONDI STRUTTURALI (2011)

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

IT-23 RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FONDI STRUTTURALI (2011)

Dan ir-rapport huwa ppreżentat b'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali. Dan jkopi l-attivitajiet marbuta mal-għajnuna tal-Fondi Strutturali tal-2000-2006 matul l-2011.

1. INTRODUZZJONI

L-2011 kienet it-12-il sena li fiha l-programmi u l-proġetti tal-Fondi Strutturali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 kienu implementati. L-eżekuzzjoni sħiħa tal-baġit tal-2011 intlaħqet. F'termini ta' appropriazzjonijiet ta' pagamenti, 100.0 % tar-riżorsi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) intużaw.

Barra mill-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti tal-Fondi Strutturali 2000-2006 u t-tħejjija tal-għeluq tagħhom, il-Kummissjoni kienet ukoll involuta fl-implimentazzjoni ta' 434 programm (317 tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u, 117 tal-Fond Soċċali Ewropew (FSE)¹ li jirrigwardaw il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Ġie promoss il-qsim tal-esperjenza, notevolment permezz ta' netwerks inter-reġjonali u urbani u l-konferenza "Reġjuni għall-Bidla Ekonomika: It-trawwim ta' Tkabbir Intelliġenti u Sostenibbli fl-Ibljet u r-Reġjuni" fit-23-24 ta' Ġunju 2011. Matul din il-konferenza, tħabbru l-ħames (5) rebbieħa tal-iskema "RegioStars" tal-2011, wara għażla minn fost 66 applikazzjoni. L-għan tal-Premijiet RegioStars huwa li jidentifika l-aħjar prassi fl-iżvilupp reġjonali u biex ikunu enfasizzati proġetti oriġinali u innovattivi li jistgħu jkunu attraenti u li jispiraw reġjuni oħra.

It-disa' (9) edizzjoni tal-ĠRANET MIFTUĦA GĦALL-PUBBLIKU "Għimgħa Ewropea tar-reġjuni u l-iblet", organizzata mill-Kummissjoni flimkien mal-Kumitat tar-Reġjuni, saret bejn 1-4 u t-13 ta' Ottubru 2011. Ġabet flimkien 5 700 persuna li jieħdu deċiżjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u fuq livell Ewropew u esperti fil-qasam tal-iżvilupp reġjonali u lokali. L-avveniment hu opportunità ta' kooperazzjoni u networking, ta' qsim ta' għarfien u esperjenza, u joffri possibbiltà lir-reġjuni u lill-iblet biex juru l-kisbiet tagħhom. Dan joffri wkoll l-opportunità ideali biex jiġu evidenzjati s-sinerġi bejn il-politika ta' koeżjoni u politiki oħra tal-UE.

Il-Presidenza Pollakka organizzat konferenza ta' jumejn (19-20 ta' Ottubru 2011) dwar "Riformi katalisti – L-appoggħ tal-FSE għal governanza aħjar". L-appoggħ għal tmexxija tajba nbeda fis-snin finanzjarji għall-perjodu 2000-2006; għan prioritarju għall-perjodu finanzjarju 2007-2013 kien li din tissahħħah u tkun implementata.

Fis-17 ta' Novembru 2011 'il fuq minn 200 mistieden minn 20 pajjiż Ewropew ipparteċipaw fil-medda tal-avvenimenti dwar il-Premju Ewropew għas-Settur Pubbliku (EPSA) 2011 organizzati f'Maastricht taħt l-awspiċi tal-Presidenza

¹ Ara l-Komunikazzjoni dwar ir-riżultati tan-negozjati dwar l-istrategji u l-programmi għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Pollakka. Kien hemm 274 applikazzjoni li ġejjin minn 32 pajiż Ewropew u sebgħa (7) mill-istituzzjonijiet tal-UE. Fost dawn l-applikazzjonijiet, l-EIPA setgħet tidentifika bosta prattiki ta' żvilupp ta' kapaċità amministrattiva tajba, għadd minnhom jiġu kofinanzjati mill-azzjoni ta' appoġġ ta' FSE. L-EPSA tfittex li toħloq forum fejn l-istituzzjonijiet tas-settur pubbliku tal-Ewropa jistgħu jeċċellaw u jsiru eżempju lill-bqija tad-dinja.

2. ANALIŻI TAL-IMPLEMENTAZZJONI

2.1. L-Implimentazzjoni tal-Baġit

2.1.1. FEŻR

L-eżekuzzjoni baġitarja

L-eżekuzzjoni baġitarja kienet iffukata fuq l-għeluq tal-programmi tal-2000-2006 fl-2011. L-aħħar dokumenti tal-għeluq waslu riċevuti f'Marzu minn dawk l-Istati Membri b'estensjoni tal-iskadenza għall-eliġibilità tagħhom. Ir-rata ġenerali tal-assorbiment laħqed 100 % jew EUR 1,457 miljun (inkluża assistenza teknika) rimborsati lill-programmi.

Il-Kummissjoni qiegħda tmexxi l-perjodi tal-programmazzjoni preċedenti u attwali b'mod parallel. Wara l-bidu kajman tal-programmi tal-2007-2013, is-sottomissjoni tat-talbiet għall-ħlas aċċellerat matul l-2011. Din ix-xejra flimkien mal-fatt li ħafna mill-programmi 2000-2006 kienu laħqu l-livell massimu ta' 95 % għall-ħlasijiet interim wasslet għal trasferiment ta' approrjazzjonijiet mill-perjodu 2000-2006 għall-perjodu 2007-2013. Dan ippermetta 100.0% tal-eżekuzzjoni tal-approrjazzjonijiet ta' ħlas għall-Programmi tal-FEŻR ffinanzjati skont iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni.

Il-ħlasijiet lill-għanijiet kollha kien aktar baxxi milli orīginarjament previsti, prinċipalment minħabba trasferiment tal-approrjazzjonijiet matul it-trasferiment globali biex isaħħu l-approrjazzjonijiet tal-2007-2013. Għall-Objettiv 1, tħall-su EUR 1,205 miljuni minnflok EUR 1,838 miljun, għall-Objettiv 2, EUR 221 miljun minnflok EUR 410 miljuni u għal INTERREG EUR 16-il miljun minnflok EUR 108 miljuni.

Ħlasijiet fl-2011 għall-programmi tal-2000-2006:

	FAEGG	FEŻR	FSE	SFGS	Somma:
AT		14,394,959.85			14,394,959.85
BE	5,254,566.66	1,014,831.52	14,544,488.07		20,813,886.25
CB		15,403,515.36			15,403,515.36
CE		164,048.95			164,048.95
CY		1,401,140.35	1,186,299.92	170,953.65	2,758,393.92
CZ	4,094,783.06		21,148,761.57		25,243,544.63
DE	122,789,589.18	17,297,754.06	57,477,900.89		197,565,244.13
DK			3,541,889.88		3,541,889.88
EE	2,295,555.74				2,295,555.74
ES	73,787,602.49	172,807.37	77,731,182.47		151,691,592.33
FI	3,420,450.33	45,415,642.08			48,836,092.41
FR	18,412,572.56	95,433,002.76	8,362,550.00		122,208,125.32
GB		21,362,083.49	32,151,662.89	172,858.60	53,686,604.98
GR	25,084,599.31	581,662,512.98			606,747,112.29
HU		60,190,178.63	9,650,823.51		69,841,002.14
IE	9,978,215.00		44,856,572.31		54,834,787.31
IT	124,807,942.01	269,384,078.88	112,654,464.59	23,936.25	506,870,421.73
LT	5,850,767.25		24,481.07		5,875,248.32
LV	4,592,410.00		6,367,098.00		10,959,508.00
MT	210,000.00	2,334,881.95	493,763.85	119,535.31	3,158,181.11
NL	3,351,245.76	22,921,011.32	1,072,052.50		27,344,309.58
PL	55,988,004.63	643,191.12	28,620,387.05		85,251,582.80
PT	39,271,043.25	297,752,430.98	11,474,395.22		348,497,869.45
RG		978,970.08			978,970.08

SE		9,619,354.82	2,922,846.29		12,542,201.11
SI	633,009.35		2,760,201.06	89,052.00	3,482,262.41
SK		777,989.89		91,453.25	869,443.14
Somm a:	499,822,356.58	1,458,324,386.44	437,041,821.14	667,789.06	2,395,856,353.22

Għeluq

Fl-2011, il-proċess tal-eżami kompla għad-dokumenti tal-għeluq li waslu fl-2010. Il-bqija tad-dokumenti tal-għeluq ġew ippreżentati mill-Istati Membri f'Marzu 2011. Dan kien minħabba l-estensjoni ta' 12-il xahar mogħtija mill-Kummissjoni għad-data finali ta' eliġibilità tan-nefqa għal xi programmi Griegi u l-programmi Transkonfinali.

Mit-379 programm, total ta' 152 talba għall-pagament finali tħallsu fi tmiem l-2011 għall-valur ta' EUR 1,457 miljun. Fuq dan kollu, 138 dikjarazzjoni ta' għeluq (WUDs) u 40 rapport finali kienu analizzati fl-2011.

Intbagħtet proposta għall-għeluq lill-Istati Membri għal 33 programm filwaqt li, sal-31 ta' Diċembru 2011, intbagħtu 42 ittra tal-għeluq u ntlaħaq ftehim dwarhom. Ix-xogħol preparatorju mwettaq fl-2011 ħoloq bażi solida għal proċess effettiv tal-għeluq fl-2012, meta l-bqija tal-programmi jingħalqu.

Fir-rigward tal-perjodu 2000-2006 kollu, tħallsu EUR 124,308 miljuni lill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2011. Dan jirrappreżenta rata medja ta' assorbiment ta' 96 % għall-Istati Membri kollha tal-allokazzjoni ġenerali ta' EUR 129,584 miljun. Il-pagamenti li fadal jikkonċernaw il-ħlas tal-bilanċi għall-għeluq tal-programmi.

RAL

Fi tmiem l-2011, l-impenji mis-snin preċedenti li ma sarux pagamenti tagħhom (RAL "reste à liquider") ammontaw għal EUR 4,856 miljun għall-FEŻR, imqabbla ma' EUR 6,719 miljun fi tmiem l-2010. Dan jirrappreżenta 3.9 % tal-ammont totali impenjat għall-FEŻR. Hu ppjanat aktar tnaqqis tar-RAL bil-ħlas ta' bilanċi finali fl-2012 u l-2013.

2.1.2. FSE

Għall-perjodu 2000-2006, hemm 239 programm operattiv tal-FSE biex jingħalqu. Dokumenti tal-għeluq għal 239 programm kollha tressqu fil-ħin dovut u huma ammissibbli. Sa issa, 212 WUDs u 214 rapport finali ġew aċċettati. Tlestew 84 fajl tal-għeluq li jirrappreżentaw ammont totali ta' EUR 445 miljun.

Il-konsum tal-payment-credits matul l-2011 laħaq EUR 437 miljun.

It-total tal-impenji pendenti (RAL) fit-tmiem tal-2011 kien ta' EUR 2,367 miljun (imqabbel ma' EUR 3,004 miljuni fl-2010). Dan jirrappreżenta 3.46 % tal-impenji totali għall-perjodu 2000-2006.

Fi tmiem l-2011 tħallsu EUR 64,492 miljun għall-perjodu kollu lill-Istati Membri. Dan jirrappreżenta rata medja ta' assorbiment ta' 94.09 % għall-Istati Membri kollha tal-allokazzjoni ġenerali ta' EUR 68,600 miljun.

Abbażi tar-riżultati tal-proċess tal-analiżi tal-għeluq, fl-2011 twettqu verifikasi tal-għeluq immirati fuq WUDs tal-programmi b'riskju għoli, sabiex tkun provduta assigurazzjoni addizzjonali biex ir-riskji li jifdal ma jaqbżux il-livell ta' materjalità.

2.1.3. FAEGG

L-ammont totali mħallas fl-2011 għall-programmi ta' Gwida tal-FAEGG kien ta' EUR 499.68 miljun, li minnhom EUR 8.8 miljun tħallsu minn dħul assenjat. Fl-aħħarnett, 90.2 % tal-approprazzjonijiet disponibbli għall-2011 ġew użati għall-ħlasijiet.

L-implementazzjoni tal-programmi 2000-2006 twettqet qabel l-2011. Fl-2011, il-Kummissjoni rċeviet d-dokumenti tal-għeluq għal sitt programmi li kien fadal (id-dokumenti tal-għeluq għal 148 minn 152 programm tal-RD kienu digħi intlaqgħu fl-2010) u ġadmet bla hedha fuq l-għeluq tal-programmi. Minbarra 19-il programm digħi magħluqa fl-2010, il-Kummissjoni għalqet 75 programm oħra fl-2011. Barra minn hekk, ġie propost il-bilanċ finali għal 88 programm, li minnhom tħallas il-bilanċ parżjali għal 13-il programm.

L-impenji pendenti (RAL) tal-Gwida tal-FAEGG fi tmiem l-2011 ammontaw għal EUR 632.3 miljun, ekwivalenti għal 2.9 % tal-allokazzjoni totali 2000-2006. Dan l-ammont huwa EUR 551 miljun iktar baxx mill-EUR 1,183.3 miljun RAL fi tmiem l-2010.

2.1.4. SFGS

Ir-rata ġenerali tal-assorbiment għall-ħlasijiet kienet ta' 29.03 %, b'EUR 0.7 miljun li tħallsu lill-Istati Membri.

Fir-rigward tal-livell tal-eżekuzzjoni tal-approprazzjonijiet tal-ħlasijiet, tħallsu EUR 0.5 miljun taħt l-Objettiv 1 u tħallsu EUR 0.2 fir-rigward ta' oqsma oħra, barra l-Objettiv 1.

L-RAL totali għall-SFGS fi tmiem l-2011 laħqu l-EUR 295.7 miljun (meta mqabbel mal-EUR 296.44 miljun fl-2010). Dan jirrappreżenta 7.4 % tal-impenji totali għall-perjodu 2000-2006.

Għall-perjodu kollu, tħallsu EUR 3,640 miljun lill-Istati Membri sa tmiem l-2011. Dan jirrappreżenta rata medja ta' assorbiment ta' 92.5 % għall-Istati Membri kollha tal-allokazzjoni ġenerali ta' EUR 3,935 miljun.

3. KONSISTENZA U KOORDINAZZJONI

3.1. Konsistenza ma' politiki oħra jn tal-UE

Ir-rapporti preċedenti iddekskrivew żviluppi rilevanti fir-rigward tal-iżgurar tal-konsistenza bejn il-politika ta' koeżjoni u prioritajiet politiċi oħra tal-UE bħalma huma l-għanijiet tal-politika ta' kompetizzjoni, tas-suq intern, tal-ambjent, tat-trasport u tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Ma kienx hemm tibdiliet spċifici fir-rekwiżiti jew fl-aspettattivi dwar l-awtoritajiet tal-ġestjoni peress li l-programmi tal-2000-2006 daħlu fil-fażi ta' għeluq.

3.2. Koordinazzjoni tal-strumenti

3.2.1. Il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni

Fl-2000-2006, il-25 Stat Membru kollha bbenefikaw mill-appoġġ tal-Fondi Strutturali, filwaqt li 13-il Stat Membru bbenefikaw ukoll mill-Fond ta' Koeżjoni li jgħin lill-pajjiżi inqas għonja. Il-programmazzjoni u l-implementazzjoni tal-Fondi Strutturali (b'mod partikolari l-FEŻR) ġew ikkoordinati bir-reqqa, kif ukoll fir-rigward tal-Fond ta' Koeżjoni, biex tīgi evitata d-dupplikazzjoni fil-proġetti appoġġati.

3.2.2. Il-Fondi Strutturali u l-Bank Ewropew tal-investiment (BEI)/il-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI)

Matul il-perjodu 2000-2006 il-Kummissjoni u l-BEI u l-FEI saħħew il-kooperazzjoni tagħhom billi stabilixxew it-tliet inizjattivi JASPERS, JEREMIE u JESSICA. Dettalji dwar din il-kooperazzjoni ngħataw fir-rapporti preċedenti. Mindu l-perjodu ta' implementazzjoni għall-2000-2006 daħal fil-fażi ta' għeluq fl-2010, ma hemm xejn partikolari x'jiġi rrappurtat.

4. EVALWAZZJONIJIET

Fl-2011, il-Kummissjoni komplet twettaq evalwazzjonijiet biex tappoġġa t-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet tal-Fondi Strutturali. Iżda ħafna mill-evalwazzjonijiet tal-perjodu 2000-2006 tlestew fl-2010.

FEŻR

L-evalwazzjonijiet mniedja fl-2011 u li bħalissa jinsabu għaddejjin:

- Studju li jevalwa **l-attivitajiet ta' innovazzjoni**, biex jiddetermina l-kwalità tal-evalwazzjoni tal-innovazzjoni fl-Istati Membri, janalizza il-vantaġġi u l-limitazzjonijiet tal-metodoloġiji disponibbli għall-valutazzjoni ta' tipi differenti ta' attivitajiet ta' innovazzjoni, imexxi serje ta' studji skont il-każ dwar l-evalwazzjonijiet ta' kwalità tajba, u abbozz ta' gwida

għall-awtoritajiet li jiġġestixxu biex jappoġġaw l-attivitajiet tal-evalwazzjoni tagħhom.

Il-provvediment ta' gwida metodoloġika lill-Istati Membri jibqa' kompitu importanti għall-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, ir-riżors onlajn u interattiv għall-evalwazzjoni tal-iż-żvilupp soċċo-ekonomiku EVALSED se jibqa' jiġi aġġornat kontinwament, b'taqisma ġidha dwar **I-evalwazzjoni bbażata fuq it-teorija** li għaddejja bħalissa.

FSE

Żewġ evalwazzjonijiet, li kienu digħà għaddejjin fl-2011, tlestell fl-2012. L-ewwel evalwat jekk il-kriżi ekonomika kellhiex impatt fuq l-infiq tal-FSE. It-tieni analizzat l-effikaċċa u l-effiċċenza tan-nefqa tal-ESF fuq attivitajiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja. Iżda ż-żewġ evalwazzjonijiet ma jittrattawx il-perjodu 2000-2006.

FAEGG

L-evalwazzjoni *ex-post* tal-programmi ta' żvilupp rurali tal-2000-2006 baqgħet għaddejja matul l-2011 u tlestit matul l-ewwel kwart tal-2012. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-flessibbiltà ta' adattament għall-varjetà tas-sitwazzjonijiet fl-Unjoni kollha, flimkien ma' objettivi ddefiniti b'mod ċar u eliġibbiltà xierqa u kriterji tal-ġhażla biex tinżamm l-enfasi fuq l-għanijiet, huma kruċjali għas-suċċess tal-politika ta' żvilup rurali. Fokus deliberu fuq is-sinerġa u l-kumplimentarjetà bejn il-miżuri tejbu l-effettività tal-politika. B'mod ġenerali, il-politika iġġenerat u/jew żammet l-impjegi fiż-żoni rurali, appoġġjat id-dħul rurali, ikkontribwixxiet għaż-żamma u t-titjib tal-ambjent rurali u l-bijodiversità, u kkontribwixxiet għal titjib tal-kwalità tal-ħajja u s-sostenibbilità tal-komunitajiet rurali.

5. KONTROLI

Informazzjoni ddettaljata dwar ir-riżultati tal-kontrolli hi disponibbli fir-Rapporti Annwali tal-Attività tad-Direttorati Ġenerali rispettivi².

5.1. FEŻR

Matul is-snин nbniet gradwalment l-assigurazzjoni fir-rigward tal-programmi tal-FEŻR tal-2000-2006. F'termini ta' kopertura, il-programmi verifikati mill-Audituri tad-DG għall-Politika Reġjonali jirrappreżentaw 43 % tal-programmi nazzjonali u reġjonali f'termini ta' numri u 76 % tal-kontribuzzjoni ppjanata tal-FEŻR. Fir-rigward tal-INTERREG, fl-2009-2010 għiet konkuża inkjesta ta' verifika separata li tnediet fl-2006 għal 23 programm eżaminati, li jirrappreżentaw 54 % tal-ammont impenjat.

Bi tħejjija għall-ġħeluq, twettqet inkjesta preparatorja estensiva mill-2007 'l quddiem sabiex tirrevedi l-entitajiet tal-ġħeluq (WUBs). L-ġħan kien li tkun verifikata ċ-ċertezza li tista' tintrabat max-xogħol tal-ġħeluq tagħhom li jsostnu d-WUDs; Fi kliem ieħor, biex ikunu vverifikati t-tħejjijiet tal-Istati Membri għall-ġħeluq u biex ikunu identifikati u jittaffu r-riskji relatati. L-ġħan kien li jiġi deċiż jekk ix-xogħol tal-verifika tal-korpi nazzjonali jistax ikun afdat bħala sors prinċipali ta'

²

Published at http://ec.europa.eu/atwork/synthesis/aar/index_en.htm

assigurazzjoni għall-kumplament tal-perjodu ta' programmazzjoni u jekk id-WUD hux se jkun ibbażat fuq ix-xogħol tal-verifika adegwat, biex b'hekk isir sors affidabbli ta' assigurazzjoni fl-għeluq tal-programm. It-42 verifika mwettqa f'din l-inkiesta, flimkien ma' missjonijiet tal-verifika mwettqa fuq il-WUB bħala parti mill-verifikasi regolari tas-sistemi mibdija fl-2004, għamluha possibbli li jkunu koperti il-WUBs inkarigati minn madwar 85 % tal-ammont maqbul tal-programmi tal-2000-2006 fi tmiem l-2010.

Minħabba l-ammont sinifikanti tax-xogħol tal-verifika mwettaq mid-DG għall-Politika Reġjonali fil-programmi tal-2000-2006 matul is-snин ta' qabel, u l-livell ġholi ta' kopertura miksub minn dan ix-xogħol tal-verifika, il-ħidma tad-DG iffokat fuq żewġ xogħliji tal-verifika fl-għeluq:

1) kontrolli fuq il-post ta' kampjun ta' programmi permezz ta' inkiesta konġunta mad-DG għall-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, id-DG għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali u d-DG għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għall-għeluq tal-għajnejha mill-Fond Strutturali tal-2000-2006 fl-UE 25. Il-Memorandum tal-Pjanifikazzjoni tal-Inkiesta (EPM), żviluppat fl-2009, ikopri żewġ azzjonijiet:

i) xogħol tal-verifika fuq il-post biex jirrevedi l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-attivitajiet nazzjonali tal-verifika li jsostnu d-WUDs maħruġa mid-WUBs, inkluż wkoll ir-rendiment mill-ġdid ta' kampjun ta' 8-10 fajls, u

ii) ix-xogħol tal-verifika biex jivvaluta l-aċċettabbiltà tad-dikjarazzjoni u tar-rapport meħmuż magħha (bħal t'hawn fuq).

Matul l-2010 u l-2011 id-DG għall-Politika Reġjonali wettaq 21 missjoni ta' verifika fuq il-post skont "L-ġħeluq tal-EPM tal-Ġħajnejha tal-2000-2006 fl-UE 25" f'seba' Stati Membri (CZ, DE, ES, IT, IE UK, SK) inklużi xi programmi INTERREG li jkoprū kompletament jew parżjalment, 39 programm.

Dawn il-missjonijiet tal-verifika tal-ġħeluq ippermettew lid-DG tal-Politika Reġjonali li jindirizza r-riskji partikolari fl-ġħeluq (bħalma huma proġetti retrospettivi, l-akkwist pubbliku, it-trattament tal-irregolaritajiet, il-kalkolu tar-rata tal-iżball), u li jkun kapaċi jikkonkludi l-analiżi tad-WUDs, f'xi każijiet billi jiproponi korrezzjonijiet finanzjarji biex jagħmlu tajjeb għal nuqqasijiet fis-sistema mhux indirizzati biżżejjed jew rati tal-iżbalji mhux affidabbli rrappurtati fid-WUDs.

2) Analiżi tad-WUDs: Id-Direttorat tal-Verifika tad-DG għall-Politika Reġjonali eżamina t-379 WUD kollha sottomessi fl-ġħeluq tal-programm f'konformità mal-proċeduri interni adottati mid-DG għall-Politika Reġjonali fl-2009 sabiex tkun iddeterminata l-validità tat-talba għall-pagament finali. Din il-ħidma kienet ikkonċentrata b'mod partikolari fit-tieni nofs tal-2010 u l-2011 u sa nofs April l-2012 t-379 WUDs kollha kienu evalwati. B'kollo, 336 (89 %) WUDs ġew aċċettati. Firrigward tal-43 (11 %) WUDs li fadal, id-DG għall-Politika Reġjonali lesta l-analiżi inizjali tiegħu u talab xogħol ta' verifika addizzjonali jew aktar informazzjoni mill-Istati Membri in kwistjoni.

It-336 WUD aċċettati jikkonċernaw 15-il Stat Membru (AT, DK, EL, FI, FR, HU, CY, LV, LX, MT, NL, PL, SE, SK, SL). It-43 WUD li għadhom pendentni

jikkonċernaw 11-il programm Taljan, tmienja (8) Spanjoli, ħamsa (5) Irlandiżi, erba' (4) Ċeki, tlieta (3) Portugiżi, tlieta (3) Belġjani, ħames (5) programmi INTERREG, u programm kull wieħed għall-Estonja, il-Ġermanja, il-Litwanja u r-Renju Unit.

Il-WUBs kklassifikaw l-opinjonijiet tal-verifikasi tagħhom skont il-linji gwida dwar l-għeluq bħala: mhux ikkwalifikati (84 % tal-każijiet), ikkwalifikati (16 % tal-każijiet li jkopru 4 % tal-pagamenti intermedji), u l-ebda opinjoni fi tliet (3) każijiet. Ma ġew espressi l-ebda opinjonijiet negattivi jew ċaħdiet ta' responsabilità għal xi programm. Bħala riżultat tal-eżami tad-WUDs mid-DGħ għall-Politika Regionali, id-DGħ ppropona korrezzjonijiet finanzjarji li jammontaw għal aktar minn EUR 1.3 biljun fil-konklużjonijiet tiegħu ta' 147 WUD. Barra minn hekk, huwa probabbli li se jiġu proposti aktar korrezzjonijiet finanzjarji f'xi każijiet fejn xogħol ta' verifika addizzjonali jew investigazzjonijiet għadhom għaddejjin.

5.2. FSE

Fl-2011, l-awdituri komplew l-eżami tal-WUDs mibgħuta fl-għeluq tal-programmi għal dawk il-programmi li għalihom l-iskadenza għas-sottomissjoni tad-dokumenti ta' għeluq ġiet estiża għal 2011. Dan inkluda wkoll is-segwitu tat-talbiet għal informazzjoni addizzjonali.

Abbażi tar-riżultati tal-proċess tal-analiżi tal-għeluq, twettqu sitt (6) verifikasi tal-għeluq fil-mira fl-2011, u tmienja (8) huma ppjanati fl-2012, dwar id-WUDs għal programmi b'riskju għoli, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu assigurazzjoni addizzjonali li r-riskju li fadal ma jaqbiżx il-livell ta' materjalità. Fi ftit każijiet, din il-proċedura wasslet għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji riveduti. Fil-każijiet kollha osservati, inbdew proċeduri korrettivi.

Għall-perjodu 2000-2006, fl-2011 ġew deċiżi korrezzjonijiet finanzjarji għall-ammont ta' EUR 8.6 miljun, li minnhom EUR 8.1 miljuni digħi ġew implementati. Barra minn hekk, EUR 10.9 miljuni deċiżi fis-snin preċedenti kienu implementati fl-2011.

5.3. FAEGG

Fi tmiem l-2011, total ta' 110 mill-152 programm kienu sugħetti għall-verifika (72.4 %), li jkopru EUR 21.8 biljun (96.9 %) tat-total tal-appropriazzjonijiet ta' impenn. Total ta' 46 programm ġew soġġetti għal verifika ta' segwitu.

Sal-31 ta' Diċembru 2011, ġie iffinalizzat l-eżami tad-WUDs sottomessi mill-Istati Membri fir-rigward ta' 146 programm, li jirrappreżentaw 96.1 % tan-numru totali ta' programmi.

5.4. SFGS

L-FIFG huwa fil-proċess tal-għeluq u ma kien hemm l-ebda verifikasi ġodda tal-SFGS imwettqa fl-2011. Sa mill-bidu tal-perjodu tal-programmazzjoni tal-2000-2006, id-DGħ għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, wettaq total ta' 58 missjoni ta' verifikasi li jkopru l-programmi kollha tiegħu minn fond wieħed (18-il programm li jirrappreżentaw kontribuzzjoni tal-baġit inizjali ta' EUR 3 608.73 miljun - 87.4 % tal-baġit totali tal-2000-2006) kif ukoll 18-il programm minn fondi differenti li jirrappreżentaw kontribuzzjoni ta' EUR 374.58 miljun - 9.2 % tat-total tal-baġit

inizjali tal-2000-2006. B'kollox, is-sistemi ta' verifika tad-DG għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd koprew programmi li jirrappreżentaw 96.6 % tal-kontribuzzjoni inizjali totali tal-iSFGS għall-2000-2006. Għall-programmi li għad fadal, l-assigurazzjoni tinkiseb minn xogħol ta' verifika u/jew verifikasi nazzjonali oħra tad-DG tal-Fondi Strutturali.

Għal 47 WUD, l-ewwel analiżi t-testiet; Għat-13 li fadal, l-analiżi għadha għaddejja. Mis-47 każ analizzat, ġew aċċettati 16-il dikjarazzjoni. L-Istati Membri ntalbu li jipprovd kjarifiki addizzjonali għall-kumplament tal-31 WUD li kienu “interrotti”: Id-DG għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd s'issa rċeva 27 tweġiba u analizza 14 minnhom. Għalhekk hemm 27 WUD (14 fl-ewwel stadju tal-analiżi, 13 fl-istadju ta' wara l-interruzzjoni) li għadhom qed jiġu eżaminati.

5.5. OLAF

Fl-2010, l-OLAF wettaq 29 missjoni fl-Istati Membri marbuta ma' miżuri kofinanzjati mill-Fondi Strutturali. Matul dawn il-missionijiet twettqu kontrolli fuq il-post³ fuq 57 operatur ekonomiku u twettqu 18-il tip ta' missjoni oħra biex jiġbru t-tagħrif jew biex jgħinu lill-amministrazzjoni nazzjonali jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-istess kien il-każ fi snin preċedenti, problemi tipiċi identifikati mill-OLAF matul l-2011 kienu jinkludu dikjarazzjonijiet foloz, kontijiet foloz u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regoli ta' akkwist pubbliku kif ukoll każijiet spċificati ta' konflitt ta' interess f'ċerti proċeduri ta' offerti.

Fl-2011, l-İstati Membri infurmaw lill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1681/94⁴ 2 kif emendat⁵ u r-Regolament (KE) Nru 1828/2006⁶ kif emendat⁷, b'madwar 3 816⁸ notifika ta' irregolaritajiet li jinvolvu EUR 1 177 biljun li jaffettwaw miżuri kofinanzjati tal-perjodi ta' programmazzjoni tal-1994-1999, l-2000-2006 u l-2007-2013⁹.

6. KUMITATI LI JGĦINU LILL-KUMMISSJONI

6.1. Il-Kumitatat ta' Koordinazzjoni tal-Fondi (COCOF)

L-unika attivitā tal-COCOF fl-2011 dwar l-implimentazzjoni tal-perjodu 2000-2006 kienet il-preżentazzjoni ta' analiżi tal-proċess tal-għeluq rigward il-programmi tal-2000-2006.

6.2. Il-Kumitat tal-FSE

Fl-2011 kien hemm tliet Sessjonijiet Plenarji u ġumes laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Teknika. Il-Grupp ta' Ħidma Teknika rreveda l-progress tal-proċess tal-għeluq tal-

³ Ir-Regolament (KE) Nru 2185/1996, ĠU L 292, 15.10.1996, p. 2.

⁴ ĠU L 178, 12.07.1994, p. 43

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 2035/2005, ĠU L 328, 15.12.2005, p. 8.

⁶ ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1.

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 846/2009, ĠU L 250, 23.09.2009, p.1.

⁸ 2010: In-numru ta' każijiet ikkomunikati 6,910; l-ammont totali relatax mal-komunikazzjoni nazzjonali EUR 1 1546 billion.

⁹ Ara r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (COM (2012) 408 finali)

perjodu 2000-2006 fil-laqgħat kollha tiegħu fl-2011, u kien hemm preżentazzjoni dettaljata dwar it-tagħlimiet sottratti mill-proċess tal-ġħeluq.

6.3. Il-Kumitat dwar l-Istrutturi Agrikoli u l-Iżvilupp Rurali (STAR)

DĠ AGRI

Il-Kumitat tal-iSTAR iltaqa' darbtejn fl-2011 biex jinforma dwar it-trattament finanzjarju li għandu jiġi applikat fin-nefqa ffinanzjata mit-Taqsima tal-Gwida tal-EAGGF f'ċerti każijiet ta' irregolaritā. L-opinjoni tal-Kumitat ma kinitx meħtieġa.

6.4. Il-Kumitat dwar l-Istrutturi għas-Sajd u l-Akkwakultura (CSFA)

DĠ MARE

Il-Kumitat dwar l-Istrutturi għas-Sajd u l-Akkwakultura (CSFA) iltaqa' darbtejn fl-2011. Il-punt prinċipali diskuss fil-laqgħat kien l-ġħeluq tal-SFGS.

7. Lista ta' Proġetti Ewlenin li għalihom il-Fondi kkontribwew (il-perjodu 2000-2006)

CCI_MP	TITLE
1999NL053PR	
001	Megabanenmarkt Amsterdam
2001ES161PR	
001	Circumvalación de Las Palmas - Fase II et Fase III
2001ES161PR	
002	Autovía: Albacete-Murcia-Tramo: Albacete-Venta del Olivo
2001ES161PR	
003	Proyecto de la presa de la Brena II
2001ES161PR	
004	Desaladora de Aqua Marina de Carbonera
2001ES161PR	
005	Autovía A-49: Sevilla-Frontera portuguesa. Tramo: San Juan del Puerto-Enlace de Lepe
2001FR162PR	
001	Port 2000 Le Havre
2001FR162PR	
002	Route Nationale 106 (Languedoc-Roussillon)
2001FR162PR	
003	Grand Projet ATTEL
2001PT161PR	
001	Terminal de Regassificação de Gás Natural Liquefeito
2001PT161PR	
002	Armazenagem subterrânea de gás natural no Carriço-Pombal
2001PT161PR	
003	Linha do Douro - Remodelação do troço Cête-Caíde
2001PT161PR	
004	IC 10 - Ponte sobre o Tejo em Santarém e acessos imediatos
2002DE161PR	
002	Ausbau der Schienenstrecke Berlin - Frankfurt/Oder - Grenze Deutschland/Polen

2002DE161PR	
003	Neubau der Bundesautobahn A 17 von Dresden (B 173) - Tschechische Republik
2002DE161PR	
004	Neu- und Ausbau der A 113, B 96 und B 96a
2002DE161PR	
005	Neubau der Bundesstrasse B 6n in den Abschnitten Wernigerode-Blankenburg und Quedlinburg-Bernburg
2002DE161PR	
006	Neubau der Bundesautobahn A71 AD Oberrolingen (A 38) - AS Erfurt-Bindersleben
2002DE162PR	
001	Design und Kulturstandort Zollverein
2002DE162PR	
002	Propylen Pipeline
2002ES161PR	
001	Gran Telescopio de Canarias
2002ES161PR	
002	Ampliación de la Darsena de Escombreras en Cartagena
2002ES161PR	
003	Ampliación del Puerto de Castellon
2002ES161PR	
004	Autovía Ruta de la plata. CN-630-Construcción del tramo del Enlace de Gerena-Enlace de Camas
2002ES161PR	
005	Autovía Ciudad Real-Atalaya de Canavate- Tramo: Enlace de Miguelturra - Enlace de Daimiel
2002ES161PR	
006	Autovía de Castilla-La Mancha - Tramo: Abia de la Obispalía y Cuenca
2002ES161PR	
007	Ampliación del Puerto de Ferrol (Puerto exterior)
2002ES161PR	
008	Autovía A-381: Tramo: Jerez - Los Barrios, Provincia de Cádiz
2002ES161PR	
009	Autovía de la Plata CN-630 de Gijón a Sevilla. Tramo: Plasencia (Sur) - Canaveral (Este)
2002ES161PR	
010	Presa del Arenoso

2002ES161PR	
011	Autovía A-92 Sur, Guadix-Almeria. Tramo: Hueneja-Interseccion N-340
2002ES161PR	
012	Línea de alta velocidad entre Córdoba y Málaga
2002ES161PR	
013	Autovía de Castilla. Tramo Martin de Yeltes-Ciudad Rodrigo
2002ES161PR	
014	Planta de regasificación de gas natural licuado en la Isla de Gran Canaria
2002ES161PR	
015	Impulsión de la IDAM de Carboneras
2002ES161PR	
016	Glapilk, A.I.E.
2002ES161PR	
018	Asturiana de Zinc, S.A.
2002ES161PR	
019	Conexión Almanzora-Poniente Almenriense. Fase I: Tramo venta del podre Nijar en Almería
2002ES161PR	
020	Autopista Santiago de Compostela-Ourense. Tramo: Santiago-Alto de Santo Domingo
2002ES161PR	
021	Autovía del Cantábrico - Carretera Nacional 632, de Ribadesella a Luarca. Tramo: Grases (Villaviciosa) - Infanzón (Gijon)
2002ES161PR	
022	Delphi Automotive System España, S.A.
2002ES161PR	
023	Construcción del nuevo Hospital General Universitario de Murcia
2002ES161PR	
024	Autovía del Cantábrico. Carretra Nacional 632, de Ribadesella a Luarca. Tramo: Soto del Barco-Muros de Naon
2002ES161PR	
025	Conducción Jucar-Vinalopo
2002ES161PR	
026	Autovía Alacant-Alcoit y Villena Ibi. Tramo: Rambla de Rambuchar-Catalla)
2002ES161PR	
027	Maspalomas Resort S.L.

2002ES161PR	
028	Dupont Ibérica, S.L.
2002ES161PR	
029	Autovía de la Plata. Tramo: Valverde de la Virgen-Ardon
2002FR161PR	
001	Déviation de Sainte-Marie (Ile de la Réunion)
2002FR162PR	
001	Cap 'Découverte
2002FR162PR	
002	Grande Halle d'Auvergne
2002FR162PR	
003	ATMEL ROUSSET (Bouches du Rhône) Phase 3
2002FR162PR	
004	Pikington-Glass France à Seingbouse
2002FR162PR	
005	Tunnel du Lioran
2002IE161PR0	
01	Purchase of diesel railcars
2002IE161PR0	
03	N 8 Watergrasshill by-pass
2002IE161PR0	
04	N11 Rathnew-Ashford by-pass
2002IE161PR0	
05	N18 Hurlers cross by-pass
2002IE161PR0	
06	N22 Ballincollig by-pass
2003DE161PR	
002	AMD Piesteritz
2003ES161PR	
001	Nueva carretera de acceso al Puerto de Castellón
2003ES161PR	
002	Fibras del Noreste S.A.

2003ES161PR
003 Biotenol Galicia S.A.
2003ES161PR
004 Autovía del Mediterráneo CN-240. Tramo: Nerja-Almuñécar
2003ES161PR
005 Autovía del Cantábrico. Carretera Nacional 632, de Ribadesella a Luarca. Tramo: Vegarrozadas-Soto del Barco
2003FR161PR
001 SEVELNORD
2003FR162PR
001 Lenglet
2003FR162PR
002 Éléctrification des lignes vosgiennes
2003FR162PR
003 Plate-forme multimodale Dourges 2ème phase
2003FR162PR
004 RCEA Limousin
2004IT161PR0
02 IVECO-Ristrutturazione stabilimento di Foggia e nuovo Lab. di Ricerca
2005ES161PR
007 FIBRAS DEL NOROESTE